MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-1 ta' Novembru, 2019

Rikors Maħluf Numru 1033/2017 LM

**Josette Camilleri (K.I. 216770M)**

***vs.***

**The Malta Union Club**
**u b'digriet tal-10 ta' Mejju, 2018 ġiet imsejħa fil-kawża Vira Gatt Butto**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-13 ta' Novembru, 2017 mill-attriċi **Josette Camilleri** (K.I. 216770M) (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), u maħluf minnha stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi nhar it-12 ta' Ottubru tas-sena 2015, l-attriċii kienet qiegħda taħdem ġewwa l-Union Club, fejn kienet ilha taħdem għal madwar ħames snin. Hija kienet imqabbda tagħmel xogħol f'dan il-club minn ċertu Vira Gatt Butto. Dakinhar hija*

*kienet qed taħdem bħala waitress fil-club, tnaddaf l-imwejjed, tipprepara drinks u snacks, cash, tnaddaf l-art. Dan kollu kienet tagħmlu waħedha;*

2. *Illi dakinhar kienu attendew ħafna nies f'daqqa waħda u wara li telqu marret sabiex tnaddaf l-imwejjed. Waqt li kienet ħierġa mill-kuridur li jagħti għall-cafeteria hija waqgħet mal-art u ġiet fuq idejha;*

3. *Illi l-esponenti ssostni illi kemm hi kif ukoll ħaddiema oħra kienu ilhom jilmentaw mal-manager tal-Club u ma' membri tal-Kumitat illi kien ser jiġri xi aċċident u dan kien jiġi evitat billi l-istess jiftħu bieba fil-bar sabiex ikun hemm aċċess komdu u sigur għal imwejjed, għall-kmamar tal-logħob u għar-restaurant. Madanakollu, l-konvenuti baqgħu ma tawx widen;*

4. *Illi fil-fatt illum il-ġurnata, wara l-inċident tal-esponenti, dan ix-xogħol rimedjali sar mill-Club intimat;*

5. *Illi b'konsegwenza tal-waqgħa, l-esponenti qiegħda ssofri minn diżabilità permanenti ta' 12% (ara dokument anness u mmarkat bħala Dok. JC1). Hija kellha tieqaf mix-xogħol tagħha u dan għaliex illum il-ġurnata tista' tagħmel biss xogħol limitat ħafna;*

6. *Illi l-esponenti ssostni li dan l-inċident seħħ unikament b'negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti ta' saħħa u sigurtà da parti tal-club konvenut;*

7. *Illi huwa evidenti li r-rikorrenti, b'konsegwenza ta' dan l-inċident, sofriet danni konsistenti f'danni attwali (damnum emergens) u danni futuri (lucrum cessans), u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

8. *Illi għalkemm il-konvenuti ġew debitament interpellati mill-attriċi sabiex dawn jersqu għal likwidazzjoni u eventwali ħlas ta' danni, huma baqgħu inadempjenti;*

9. *Illi l-attriċi taf b'dawn il-fatti kollha personalment.*

*Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex prevja kull ordni u/jew dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni:*

1. *Tiddikjara illi d-danni sofferti mill-attriċi fuq il-persuna tagħha nhar it-12 ta' Ottubru, 2015, fil-Union Club li jinsab f'1, Tigne Street, Sliema, ġew ikkaġunati unikament minħabba negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti da parti tal-club konvenut;*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi okkorrendo permezz ta' nomina ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi somma rappreżentanti d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti kontra l-konvenuti inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 2888/16, u bl-imgħax legali skont il-liġi kontra l-istess konvenuti, li huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-*club* konvenut **The Malta Union Club** (minn issa 'l quddiem "il-*club* konvenut"), li ġiet ippreżentata fl-14 ta' Diċembru, 2017 u maħlufa minn Victor Cavallo (K.I.

483031M) għan-nom u in rappreżentanza tal-istess, fejn eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament Josette Camilleri ma kinitx impjegata ma' Malta Union Club u għalhekk il-Malta Union Club mhux il-leġittimu kontradittur, u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*
2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-fuq espost għandha tiġi kjamata fil-kawża, a spejjeż tar-rikorrenti, Vira Gatt Butto li kienet timpjega lill-istess rikorrenti;*
3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-fuq espost, mhux minnu li l-inċident seħħ b'negliġenza, b'imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ta' saħħa u sigurtà da parti tal-club konvenut u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha;*
4. *Illi mhux minnu li qatt sar xi ilment dwar il-post fejn waqgħet ir-rikorrenti;*
5. *Illi mhux minnu li sar xi xogħol rimedjali minħabba dan l-inċident kif allegat ir-rikorrenti;*
6. *Mingħajr preġudizzju, ir-rikorrenti damet ħafna biex tagħmel talba kontra l-Malta Union Club b'riżultat li l-club ma setax jagħmel claim mal-insurance. L-attriċi huwa responsabbli għal dan in-nuqqas.*
7. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

Permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Mejju, 2018 ġiet imsejħa fil-kawża Vira Gatt Butto li għad li kienet debitament notifikata, ma ppreżentat l-ebda risposta maħlufa entro t-terminu mogħtija mil-liġi u għalhekk kienet kontumaċi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta' April, 2019 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-club konvenut.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Il-kawża odjerna hija essenzjalment kawża għad-danni allegatament sofferti mill-attriċi waqt inċident li kellha fil-post fejn kienet qiegħda taħdem, fil-bar tal-Malta Union Club, ġewwa tas-Sliema, meta għal xi raġuni żelqet waqt li kienet għaddejja bix-xogħol tagħha, u ġiet fuq idha tal-lemin, bil-konsegwenza li kellha tiġi operata. Minkejja diversi sessjonijiet ta' fiżjoterapija għar-riabilitazzjoni tagħha, l-attriċi baqgħet issofri minn diversi limitazzjonijiet, u wara perijodu ta' żmien kellha tieħu d-deċiżjoni li tieqaf mill-impjieg tagħha minħabba r-restrizzjonijiet li bdiet tesperjenza partikolarment fl-użu ta' idejha. L-attriċi tgħid li dan l-inċident ma kienx iseħħ li kieku mhux għan-negliġenza, imperizja, u n-nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà da parti tal-*club* konvenut. Jirriżulta wkoll li minkejja li l-attriċi kienet qiegħda tagħmel ix-xogħol fil-bini tal-*club* konvenut, fiż-żmien meta seħħ l-inċident hija

kienet impjegata ma' Vira Gatt Butto, li minkejja li ġiet imsejħa fil-kawża, baqgħet ma ressqet l-ebda risposta maħlufa u ma pparteċipat bl-ebda mod f'dawn il-proċeduri, lanqas bix-xhieda tagħha. L-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li hija sofriet danni minħabba fl-inċident mertu tal-kawża, liema danni huma kemm ta' natura materjali, kif ukoll danni konsistenti f'telf ta' qligħ futur, b'talba għal-likwidazzjoni ta' dawn id-danni u għall-kundanna tal-konvenuti għall-ħlas tal-istess.

Il-*club* konvenut ħa l-pożizzjoni li ladarba l-attriċi ma kinitx impjegata tiegħu, hu mhux leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, filwaqt li ċaħad li l-*club* b'xi mod kien negliġenti fiż-żamma tal-post minn fejn jitmexxew l-attivitajiet tiegħu. Intqal ukoll li mhux minnu li wara li seħħ l-imsemmi incident kien sar xogħol rimedjali da parti tal-*club,* filwaqt li ġie eċċepit ukoll li in vista tal-fatt li l-attriċi damet ma fetħet dawn il-proċeduri, il-*club* tilef iċ-ċans li jiftaħ *claim* bl-*insurance* għal kwalunkwe danni li jistgħu jiġu likwidati biex jitħallsu minnu.

## Provi u riżultanzi

Flimkien mar-rikors promutur ippreżentat minnha, l-attriċi esebiet kopja tar-rapport mediku redatt mill-konsultent ortopediku *ex parte* **Mr Alec Sultana** fid-9 ta' Lulju, 2016[1], fejn iddeskriva d-dinamika tal-inċident inkwistjoni kif spjegata lilu mill-attriċi, meta din waqgħet fil-post tax-xogħol tagħha u ġiet fuq il-minkeb ta' idha l-leminija. Ix-xhud qal li l-attriċi ttieħdet l-isptar immedjatament wara l-inċident, fejn l-għada tal-waqgħa sarilha intervent kirurġiku, filwaqt li fil-ġimgħat ta' wara dan l-intervent hija kellha tattendi għal

[1] *A fol.* 5 tal-proċess.

diversi sessjonijiet ta' fiżjoterapija għar-riabilitazzjoni tagħha. Ix-xhud qal ukoll li għad li mit-testijiet li saru fuq l-attriċi b'mod regolari beda jirriżulta li l-ksur li ġarrbet kien għaqad, madanakollu hija baqgħet tesperjenza diversi limitazzjonijiet u restrizzjonijiet fil-movimenti tagħha. Ix-xhud ikkonstata li minkejja li għad hemm il-possibilità ta' interventi kirurġiċi fuq l-attriċi intiżi biex jindirizzaw l-ilmenti tagħha fir-rigward tar-restrizzjonijiet li għada tesperjenza, madanakollu dawn kollha fihom element ta' riskju.[2] Ix-xhud ikkonkluda r-rapport tiegħu billi ffissa r-rata ta' diżabilità permanenti li qiegħda ssofri l-attriċi fil-grad ta' tnax fil-mija (12%).

L-attriċi ppreżentat ukoll kopja ta' ittra uffiċjali mibgħuta minnha lill-*club* konvenut fit-2 ta' Settembru, 2016, li permezz tagħha interpellathom jersqu għal-likwidazzjoni u għall-ħlas tad-danni sofferti minnha minħabba l-imsemmi inċident.[3] Waqt l-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2018, xehdet **Doris Vella Cassia** in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei[4], li esebiet kopja tal-*file* mediku tal-attriċi.[5]

Waqt l-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2018, wara li l-Qorti għamlet riferiment għat-tieni eċċezzjoni tal-club konvenut, ordnat li tiġi msejħa fil-kawża **Vira Gatt Butto**, u li l-atti tal-kawża jkunu jirriflettu tali bidla.

---

[2] Fi kliem ix-xhud: "*The fracture of her dominant right elbow was a serious injury which led to instability of the joint. Early primary surgical fixation is the treatment of choice in these injuries because it will lead to a better functional outcome than non-surgical options. One of the possible complications of surgery is injury to the radial or ulnar nerves which are in close proximity to the joint. The Posterious Interosseous nerve damage in this case was only due to bruising of the nerve. As is usually the case in such injuries, the nerve has recovered completely. Apart from the bony damage caused by such an injury there is also a great deal of soft tissue injury to the capsule of the joint and to the ligaments surrounding the joint. The bony injury has healed completely but it is the soft tissue injury with secondary scarring that is responsible for the persistent limitation of elbow movement. The arthroscopy and arthrolysis operation is planned to reduce this stiffness as much as possible. However, these injuries always lead to a permanent degree of stiffness in spite of all treatment options.*"

[3] *A fol.* 9 tal-proċess.

[4] *A fol.* 23A tal-proċess.

[5] Dokumenti *a fol.* 24 *et seq.* tal-proċess.

Waqt l-udjenza tal-24 ta' Ottubru, 2018, il-Qorti ħatret lil **Mr Carmel Sciberras** bħala espert mediku ġudizzjarju sabiex jeżamina lill-attriċi u jirrelata dwar il-konsegwenzi ta' dan l-inċident fuq saħħitha, u jekk konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attriċi sofrietx xi debilità permanenti u f'liema grad.

Fl-istess udjenza xehed ukoll **Joseph Saliba**, in rappreżentanza ta' JobsPlus[6], li ppreżenta kopja tal-*employment history* tal-attriċi, minn fejn jirriżulta li għall-perijodu bejn l-4 ta' April, 2011 u t-30 ta' April, 2016, l-attriċi kienet impjegata ma' Veronica Gatt Butto fuq bażi *full-time.*

Fl-istess udjenza xehed ukoll **Joseph Debono**, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi[7], li ppreżenta kopji tar-*records* tal-ħlas tat-taxxa tal-attriċi għas-snin 2013, 2014 u 2015.[8]

Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **Robert Dimech**[9], li qal li huwa segretarju jew *general manager* tal-club konvenut, u huwa kien ġie infurmat bl-inċident li kellha l-attriċi. Ix-xhud qal li fiż-żmien meta seħħ l-inċident l-attriċi kienet impjegata mal-kuntrattur tal-*catering* tal-club, u wara l-inċident hija kienet għamlet perijodu ma tirrapportax għax-xogħol. Qal li huwa kien ġie mgħarraf li l-attriċi kienet waqgħet fil-parti tal-club li tintuża bħala *cafeteria* tar-*restaurant* tal-istess club. Ix-xhud qal li kien hemm il-pjanijiet li ssir xi tip ta' intrata bħala *short cut* għad-dħul fil-*cafeteria,* iżda kien hemm problemi strutturali li minħabba fihom id-diriġenti tal-club konvenut damu ma ddeċidew dwar ix-xogħol li kellu jsir. Ix-xhud qal li eventwalment kien instab

[6] *A fol.* 197 tal-proċess.
[7] *A fol.* 204 tal-proċess.
[8] *A fol.* 215 *et seq.* tal-proċess.
[9] *A fol.* 206 tal-proċess.

ħaddiem tas-sengħa li kien qabel li jagħmel ix-xogħol hu bl-inqas interruzzjonijiet possibbli għall-operat tal-*club.*

L-attriċi **Josette Camilleri** tat id-depożizzjoni tagħha waqt l-udjenza tal-24 ta' Ottubru, 2018[10], fejn ikkonfermat li fiż-żmien meta seħħ l-inċident hija kienet impjegata ma' Vira Gatt Butto bħala *waitress* ġewwa l-Malta Union Club. Qalet li f'dik il-ġurnata partikolari, hija kellha ħafna xogħol għax kien hemm ħafna klijenti biex jiġu servuti, u waqt li kienet ħierġa minn ħdejn il-*bar* li kien wieħed kbir, hija żelqet u waqgħet f'xi ilma li kien hemm fl-art, u wara ftit tal-ħin hija kienet ittieħdet l-isptar fejn sarulha għadd ta' testijiet u sussegwentement kellu jsir intervent kirurġiku fuqha. L-attriċi qalet li l-bar inkwistjoni kien kbir ħafna, u l-ħaddiema kellhom ħafna skariġġ biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ minnhom. L-attriċi ċċarat li l-inċident tagħha seħħ għax waqgħet fuq l-ilma li kien hemm mal-art mhux minħabba fl-iskariġġ u t-tul tal-bar. Hija kkonkludiet ix-xhieda tagħha billi qalet li minkejja li ħadet il-kura, hija xorta waħda għad għandha restrizzjonijiet fil-moviment ta' idha l-leminija.

Il-kontroeżami tal-attriċi sar waqt l-udjenza tas-26 ta' Novembru, 2018[11], fejn qalet li fiż-żmien li seħħ l-inċident, hija kienet ilha madwar tliet snin impjegata ma' Vira Gatt Butto. L-attriċi qalet li x-xogħol tagħha kien jinvolvi t-tmexxija tal-bar tal-*club* konvenut, billi tipprepara xi ikel, isservi lin-nies u anki tnaddaf. Qalet li dakinhar li seħħ l-inċident, hija kienet bdiet xogħol fl-għaxra ta' filgħodu u kellha tibqa' xogħol sad-disgħa ta' filgħaxija. Żiedet tgħid li l-inċident inkwistjoni seħħ għall-ħabta tal-ħamsa u nofs jew is-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija. Qalet li wara li seħħ l-inċident, hija infurmat lis-superjuri

[10] *A fol.* 210 tal-proċess.
[11] *A fol.* 228 tal-proċess.

tagħha li kienet waqgħet, u dawn awtorizzawha tagħlaq il-post sabiex tkun tista' tmur l-isptar. Qalet li l-għada li daħlet l-isptar hija ġiet operata, u wara kienet għamlet perijodu b'idha fil-ġibs, u matul dan il-perijodu hija ma kinitx tmur xogħol. Hija żiedet tgħid li wara l-imsemmi inċident hija kienet għamlet sena ma taħdimx, u kienet tattendi għal sessjonijiet tat-terapija b'mod regolari. L-attriċi qalet li hija baqgħet tirċievi paga sħiħa mingħand l-imsejħa fil-kawża għal perijodu ta' sitt xhur, u wara dak il-perijodu hija kienet bdiet tirreġistra għax-xogħol. Qalet li d-deċiżjoni li tieqaf mill-impjieg li kellha ma' Gatt Butto kienet tagħha, għax kull darba li kienet tmur għall-visti mediċi, it-tobba kienu jgħidulha biex tevita t-tqandil ta' oġġetti tqal. L-attriċi qalet li hija kienet taf li minħabba r-restrizzjonijiet li bdiet tesperjenza, ix-xogħol li kienet tagħmel qabel ma kienx għadu jgħodd għaliha. L-attriċi qalet li minkejja li hija kienet tmur tiġbor is-salarju mingħand Vira Gatt Butto, hija qatt ma talbitha kumpens minħabba d-danni li sofriet meta kellha l-inċident. L-attriċi qalet li hija waqgħet għax kien hemm xi ilma fl-art fejn seħħ l-inċident. Qalet ukoll li minkejja li drabi oħra kienet tara ħaddiema tal-*club* konvenut jaħslu l-art, dakinhar ma kienet rat lil ħadd. L-attriċi qalet li dakinhar fil-bar kien hemm ħafna xogħol għax kien hemm ħafna klijenti li riedu jiġu servuti.

L-espert mediku ġudizzjarju **Mr Carmel Sciberras** ippreżenta r-relazzjoni tiegħu fis-16 ta' Novembru, 2018.[12] Mr Sciberras kkonstata li l-attriċi għadha tilmenta l-aktar minħabba li ssib diffikultà biex tiddritta l-minkeb lemini tagħha, jew biex iġġib xi ħaġa mill-għoli, kif ukoll biex terfa' ċertu piżijiet. Qal li jkun hemm drabi meta l-attriċi tħossha muġugħa, u għalhekk ġieli jkollha problemi biex tagħmel l-affarijiet tagħha ta' kuljum. L-espert mediku ġudizzjarju qal li fil-futur l-attriċi tista' tiżviluppa *tardy ulnar nerve palsy* u

[12] *A fol.* 234 tal-proċess.

minħabba f'hekk jista' jkun li jkollha bżonn intervent kirurġiku, u jista' jkun li qiegħda tesperjenza artrite fil-ġog minħabba li jinħass tqarmiċ (*pronation* jew *supination*). L-espert mediku ġudizzjarju kkonkluda r-relazzjoni tiegħu billi qal li fil-fehma tiegħu l-attriċi ser tibqa' ssofri minn diżabilità permanenti ta' sitta fil-mija (6%).

Waqt l-udjenza tat-8 ta' Frar, 2019 reġa' xehed **Robert Dimech**[13], li ntalab jesebixxi kull dokument relattiv għall-inċident li kienet involuta fih l-attriċi, li seta' kellu l-*club* konvenut fil-pussess tiegħu.[14] Ix-xhud qal li l-*club* konvenut ħa l-pożizzjoni li ma kellux jassumi responsabbilità għall-inċident inkwistjoni għax l-attriċi ma kinitx impjegata tal-*club* iżda kienet taħdem mal-kuntrattur. Qal li minħabba f'hekk il-kumitat tal-*club* qatt ma ddiskuta l-inċident tal-attriċi għax ħassew li ma kellhomx għalfejn jagħmlu dan. Ix-xhud qal ukoll li anki l-*premises sub-committee* fi ħdan il-*club* konvenut ma kienx iddiskuta dan l-inċident.

Waqt l-udjenza tad-29 ta' Marzu, 2019, xehdet **Carol Zammit Briffa**, *chairperson* tal-kumitat tal-*club* konvenut[15], li qalet li meta seħħ l-inċident inkwistjoni, il-kumitat tal-*club* ma kienx ġie infurmat mill-ewwel b'dak li seħħ. Spjegat li t-tmexxija tal-*club* hija fdata f'idejn is-segretarju, li huwa impjegat mal-*club*. Qalet li kienet Vira Gatt Butto li kienet tieħu ħsieb timpjega l-ħaddiema, tixtri l-ikel u tmexxi l-bar tal-*club.*

[13] *A fol.* 244 tal-proċess.
[14] Kopja tal-minuti tal-laqgħa tat-13 ta' Frar, 2018, esebiti *a fol.* 248 tal-proċess.
[15] *A fol.* 254 tal-proċess.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

L-ewwel kwistjoni li trid tiġi deċiża mill-Qorti f'din il-kawża, hija jekk il-*club* konvenut għandux jinżamm responsabbli għal dan l-inċident. Il-*club* konvenut ħa l-pożizzjoni li m'għandu l-ebda responsabbilità x'iġorr fir-rigward tal-inċident mertu tal-kawża, peress li l-attriċi ma kinitx impjegata tal-*club* konvenut fiż-żmien meta seħħ l-inċident, u għalhekk dan mhux leġittimu kontradittur f'din il-kawża.

Mill-provi jirriżulta li fiż-żmien meta seħħ l-inċident, l-attriċi kienet impjegata ma' Veronica (Vira) Gatt Butto, u l-inċident inkwistjoni seħħ fil-bar tal-*club* konvenut, fejn l-attriċi kienet qiegħda taħdem bħala *waitress,* isservi l-ikel, tieħu l-ordnijiet, isservi x-xorb u anki tagħmel xogħol ta' tindif. Il-Qorti semgħet lill-attriċi tixhed dwar kif fil-ġurnata meta seħħ l-inċident, hija kellha ġurnata twila u impenjattiva bix-xogħol li kellha tagħmel fil-bar tal-*club*, meta dakinhar kienet skedata li taħdem madwar ħdax-il siegħa. L-attriċi xehdet ukoll li dakinhar kien hemm ħafna attività għaddejja fil-bar tal-*club* u kien hemm diversi persuni li riedu jiġu servuti, u minħabba f'hekk kellha ħafna x'tagħmel. Kien waqt li kienet għaddejja bis-servizz tal-ikel lill-klijenti meta għal xi raġuni l-attriċi żelqet, bir-riżultat li ġiet fuq idha tal-lemin u sofriet diversi danni fiżiċi li minħabba fihom kellha tiġi operata u anki tattendi għal sessjonijiet ta' fiżjoterapija, kif ukoll sofriet danni konsistenti f'telf ta' introjtu għaliha. Jirriżulta mill-provi li wara l-inċident l-attriċi kienet għamlet żmien ma taħdimx, u meta reġgħet bdiet taħdem, kellha tibdel in-natura tax-xogħol li kienet tagħmel.

It-tifsira tat-terminu "min iħaddem" skont il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi għat-twaqqif ta' Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-xogħol, tgħid illi:

> " 'min iħaddem' tfisser il-persuna li għaliha jsir ix-xogħol jew jiġi mogħti servizz minn ħaddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xogħol ma' ħaddiem, u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li jagħmel xogħol jew jagħti servizz jew jintrabat biex jagħmel xi xogħol jew jagħti xi servizzi, u
>
> (a) għal dak li jirrigwarda xogħol magħmul taħt kuntratt ta' servizz, tfisser il-kuntrattur jew is-sub-kuntrattur, iżda ma tinkludix id-diretturi, *managers,* soċji jew sidien, okkupanti jew possessuri li għalihom ikun qed isir ix-xogħol, minbarra fil-każ fejn għodod, materjal jew tagħmir ikun provdut minnhom, dwar xi difetti li dan l-apparat jista' jkollu, liema difetti jkunu magħrufa u ma ġewx indikati, jew li setgħu ikunu magħrufa;
>
> (b) għal dak li jirrigwarda l-organizzazzjonijiet l-oħra kollha, inklużi dawk volontarji, jew għal dak li jirrigwarda xi forma oħra ta' impieg taħt kuntratt ta' servizz, tinkludi kull waħda mill-persuni li tidderieġi fuq kulħadd jew li tieħu ħsieb it-treġija ta' kuljum."

Il-Qorti semgħet lis-segretarju tal-*club* konvenut Robert Dimech jixhed dwar il-fatt li l-bar tal-*club* konvenut, fejn kienet taħdem l-attriċi, kien konċess lil Vira Gatt Butto, li kienet tieħu ħsieb hi t-tmexxija ta' dak kollu marbut mal-bar, mit-tħaddim tal-impjegati, sax-xiri u s-servizz tal-ikel. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-attriċi kienet impjegata direttament mal-imsejħa fil-kawża, u dan minkejja li mill-*employment history* tagħha esebita fl-atti tal-kawża jirriżulta li kien hemm żmien meta l-attriċi kienet impjegata direttament mal-*club* konvenut, imma dan kien diversi snin qabel l-impjieg tagħha mal-imsejħa fil-kawża. Minkejja li mill-provi jirriżulta li l-inċident inkwistjoni seħħ fi proprjetà tal-*club* konvenut, jirriżulta li t-tmexxija tal-*club* inkluż is-segretarju tiegħu li xehed f'dawn il-proċeduri, ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-mod kif kien jitmexxa l-bar li jinsab fil-proprjetà tal-*club*, u t-tmexxija tal-bar kienet fdata interament

f'idejn Vira Gatt Butto. Mill-provi ma jirriżultax x'tip ta' ftehim kien jeżisti bejn l-imsejħa fil-kawża u l-*club* konvenut. Iżda fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ kif fil-fatt seħħew, il-Qorti tirrileva li m'hemm l-ebda ness ta' kawżalità bejn ir-rwol tal-kumitat ta' tmexxija tal-*club* fl-operat tal-bar fejn seħħ l-inċident, u l-inċident li kellha l-attriċi, peress li l-attività kollha tal-bar kienet ikkontrollata mill-imsejħa fil-kawża. Mill-provi ma jirriżultax li fil-proprjetà inkwistjoni kien hemm ħsarat jew difetti strutturali li setgħu wasslu biex l-attriċi tiżloq, u għad li l-attriċi qalet li l-mod kif kien imqassam il-post kien jagħti lok għal ħafna skariġġ għall-impjegati, madanakollu ma jirriżultax li dan l-inċident kien riżultat ta' dan l-iskariġġ jew tal-fatt li l-attriċi kellha timxi ċertu tul biex tkun tista' sservi lill-klijenti. Jirriżulta għalhekk li peress li Veronica Gatt Butto bħala 'l-kuntrattur' kienet hi li tmexxi l-bar tal-*club* konvenut, u kienet timpjega direttament lill-attriċi, hija hi l-leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri. Mhux l-istess però jista' jintqal fir-rigward tal-*club* konvenut, li kien ikkonċeda t-tmexxija tal-*catering* u tal-bar tal-*club* lil Veronica Gatt Butto, u mill-provi jirriżulta li dan ma kien involut bl-ebda mod fit-tmexxija tal-*cafeteria* u tal-bar tal-club konvenut. Jirriżulta mill-provi li l-imsejħa fil-kawża kellha r-rwol ta' 'kuntrattur' fir-rigward tat-tmexxija tal-bar tal-*club,* kienet tħaddem l-impjegati hi direttament, u tieħu ħsieb dak kollu li għandu x'jaqsam mar-reklutaġġ, u mal-aspetti kollha tal-impjieg tagħhom. Dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni, l-attriċi ddaħħlet taħdem *shift* twil ta' ħdax-il siegħa, u għalkemm mill-provi ma jirriżultax jekk aktar kmieni tul dik il-ġurnata jew aktar tard dakinhar stess iddaħħlux persuni oħra biex jassistuha waqt ix-xogħol tagħha, jirriżulta li fil-ħin meta seħħ l-inċident, l-attriċi kienet qiegħda taħdem waħedha, tant hu hekk li xħin irrealizzat li kienet weġġgħet serjament

u li kellha bżonn tmur l-isptar, ċemplet lis-superjuri tagħha, li ma ġewx identifikati b'isimhom, sabiex tinfurmahom li kienet ser tagħlaq il-bar kmieni.

Fix-xhieda tagħha l-attriċi spjegat kif ix-xogħol tagħha kien wieħed laborjuż u kif dakinhar tal-inċident hija kienet ilha ġurnata sservi lin-nies li marru fil-bar dakinhar. Għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħaxija, l-attriċi żelqet fuq xi likwidu li kien hemm fl-art, bir-riżultat li kellha tingħata kura l-isptar fejn saħansitra sarilha intervent. L-attriċi xehdet ukoll li dakinhar tal-inċident hija ma rat lil ħadd mill-ħaddiema li soltu jnaddfu l-post jaħdmu fil-bar, u għalhekk ma jistax jingħad li l-ilma jew il-likwidu li żelqet fuqu l-attriċi tħalla hemm minn xi ħaddiema oħra li setgħu kienu qegħdin jaħdmu fl-istess post.

Il-Qorti tqis ukoll li l-unika prova rigward id-dinamika tal-inċident, kienet ix-xhieda tal-attriċi, li qalet li dakinhar hija kienet ilha taħdem diversi sigħat u kienet impenjata ħafna minħabba l-għadd ta' persuni li kienu preżenti fil-bar tal-*club.* Mill-provi jirriżulta wkoll li fil-ħin meta seħħ l-inċident, l-attriċi kienet qiegħda tagħmel ix-xogħol waħedha, mingħajr l-assistenza ta' ħadd, tant hu hekk li wara li seħħ l-inċident hija kellha tieħu permess sabiex tagħlaq il-bar u tkun tista' tmur l-isptar. Huwa proprju f'dan ir-rigward li l-Qorti ssib li kien hemm diversi nuqqasijiet li l-imsejħa fil-kawża għandha twieġeb għalihom, partikolarment għax huwa evidenti anki mis-sempliċi fatt li l-attriċi tħalliet taħdem waħedha f'post tax-xogħol iffrekwentat minn ħafna klijenti, ma kinux ittieħdu l-miżuri maħsuba taħt l-artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta biex jiġi evitat ir-riskju jew biex almenu riskju li ma setax jiġi evitat ikun ikkontrollat. Lanqas ma jirriżulta li kien hemm fis-seħħ il-miżuri neċessarji biex kemm jista' jkun jitnaqqas ir-riskju f'dan il-post tax-xogħol. Persuna li tintalab isservi lin-nies f'bar, kif kien ix-xogħol tal-attriċi, u li tqatta' ħafna ħin timxi bit-

*trays* bl-ikel u x-xorb sabiex isservi lill-klijenti, m'għandhiex tkun mistennija li toqgħod attenta għal kull pass li tagħmel li ma jmurx ikun hemm xi ħadd li ħalla xi ilma jew li waqqa' xi likwidu fl-art, biex hija ma tiżloqx fuqu. L-attriċi xehdet li apparti li hija kienet mistennija sservi l-ikel u x-xorb lill-klijenti li jiffrekwentaw il-*club,* hija kienet mistennija wkoll tagħmel xogħol ta' tindif, iżda ma qalitx x'kien mistenni li jsir f'każ li xi ħadd iwaqqa' xi likwidu fl-art u hija tkun impenjata sservi l-ikel, meta ma kellha lil ħadd jassistiha fix-xogħol tagħha. Evidentement l-imsejħa fil-kawża naqset milli tħares l-obbligi imposti fuqha permezz tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 424, għax ma ħasbitx biex timpjega biżżejjed nies biex ilaħħqu mal-esiġenzi tax-xogħol, u biex jagħmlu x-xogħol kollu li kien mistenni li jsir. Minflok, dakinhar tal-inċident kien hemm biss l-attriċi taħdem fil-bar, u din kienet mistennija tagħmel ix-xogħol kollu hi, bir-riżultat li waqt li kienet għaddejja bix-xogħol tagħha ma setgħetx tinduna bil-likwidu li kien hemm mal-art, żelqet fih, u wara kellha tiffaċċja l-konsegwenzi kollha li dan l-inċident ġab miegħu.

F'deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Fenech et *vs.* Chairman tal-Malta Drydocks et**[16], dwar l-obbligi ta' min iħaddem intqal li:

> "Dwar in-natura tad-dmir impost fuq min iħaddem, il-Qrati tagħna ripetutament jinsistu fuq id-dmir ta' min iħaddem li jipprovdi '*a safe place of work*' iżda rari kienu jidħlu fil-kwistjoni jekk in-nuqqas ta' min iħaddem li hekk jipprovdi jkunx aġir bi ksur ta' obbligu kuntrattali jew aġir delittwali. Li hu żgur hu li l-Qrati tagħna dejjem jitkellmu fuq 'doveri' u 'obbligazzjonijiet' ta' min iħaddem, bħallikieku fuq dan hemm rabta kuntrattwali mal-ħaddiem li jipproteġieh. Fil-kawża **Sultana *vs* Spiteri** deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fit-28 ta' Mejju, 1979, ġie osservat li min iħaddem għandu d-dover li jara li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sigurezza għal min ikun qed jaħdem, obbligu speċifiku u determinat li donnu joħroġ mill-isfera tal-kunċett ta' *neminem laedere*, involut fir-

[16] 03.12.2010.

responsabbilità taħt delitt u kważi-delitt. Il-Qrati tagħna espandew fuq dan l-obbligu ta' min iħaddem, u jinsistu fuq id-dover tiegħu li jipprovdi attrezzi u makkinarju sikur, post tax-xogħol nadif u ħieles minn perikolu, stħarriġ u superviżjoni tal-ħaddiema, manutenzjoni regolari fuq kull biċċa magna, u diversi obbligi relatati marbuta man-natura tax-xogħol (ara per eżempju il-kawża **Galea *vs* Meilaq noe,** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2007). Intqal ukoll li huwa dmir ta' min iħaddem "*to provide a safe system of work, and that in planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work"* – **Borg *vs* Wells noe,** deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Settembru 1981. Minn dan jidher li malli jiġi ffirmat kuntratt ta' impjieg bejn min iħaddem u l-ħaddiem, jitwieled f'tal-ewwel obbligu li jieħu ħsieb l-inkolumità tal-ħaddiem, b'mod li dan l-obbligu jista' jitqies bħala parti mit-termini tal-istess kuntratt."

*Damnum Emergens:*

L-attriċi ma ressqet l-ebda prova ta' danni materjali li setgħu ġew sofferti minnha, u lanqas ma ressqet xi pretensjoni f'dan ir-rigward peress li ma ppreżentat l-ebda prospett tad-danni pretiżi minnha. Il-Qorti qiegħda għalhekk tqis li t-talbiet attriċi huma limitata għal-likwidazzjoni tat-telf ta' qligħ futur kawża tal-inċident mertu tal-kawża.

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[17], il-Qorti qalet:

"Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

[17] P.A., 18.02.2013.

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[18] intqal illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Il-Qorti tirrileva li fis-sena meta seħħ l-inċident inkwistjoni, l-attriċi kellha dħul nett ta' €8,500[19], u l-Qorti ser tkun qiegħda tibbaża l-komputazzjoni li trid tagħmel għall-finijiet ta' *lucrum cessans* fuq din iċ-ċifra minħabba li jirriżulta li wara li seħħ dan l-inċident f'Ottubru tal-2015, l-attriċi xorta waħda baqgħet titħallas b'mod sħiħ, u għalhekk l-ammont li jidher fir-rendikont tat-taxxa għas-sena bażi 2015 jirrifletti s-salarju sħiħ li kien ser ikollha l-attriċi li kieku baqgħet taħdem.

Is-salarju tal-attriċi irid jiġi aġġustat abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[20], sabiex b'hekk il-Qorti ser tikkomputa s-salarju medju li l-attriċi kienet tirċievi li kieku baqgħet taħdem fis-somma ta' €8,500 + €9,724 /

---

[18] P.A., 27.04.2005.

[19] Kif jirriżulta mir-rendikont tat-taxxa għas-sena ta' stima 2016, fol. 221 tal-proċess.

[20] F'sentenza tal-Prim Awla tad-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti qalet illi: "[m]eta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) ÷ 5= 0.96%}.

2 = €9,112. Huwa dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* li trid tagħmel.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' ħamsa u erbgħin (45) sena, li hija l-età li kellha l-attriċi meta seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat għandu ikun ta' 15, tenut kont li persuna fl-età tagħha hija mistennija li taħdem almenu sakemm ikollha l-età ta' ħamsa u sittin (65) sena sabiex tilħaq l-età tal-pensjoni. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[21], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
> ...
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs* Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

[21] P.A., 10.05.2005.

Fil-każ odjern ġie stabbilit mill-espert mediku ġudizzjarju Mr Carmel Sciberras li b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża l-attriċi qiegħda ssofri minn debilità permanenti fil-grad ta' sitta fil-mija (6%). Minkejja li dan il-grad ta' debilità hu sostanzjalment inqas mill-grad ta' debilità permanenti li wasal għalih l-espert mediku *ex parte* Mr Alec Sultana, il-Qorti tqis li l-fatt li l-espert mediku ġudizzjarju eżamina lill-attriċi f'data aktar riċenti, huwa dak li ġie kkonstatat minn Mr Carmel Sciberras li jagħti l-aktar stampa attwali u ċara tal-grad ta' debilità permanenti li l-attriċi ser tibqa' ssofri fit-tul. Jirriżulta wkoll li l-attriċi għażlet li ma tagħmilx domandi in eskussjoni tal-espert mediku ġudizzjarju, u għalhekk jidher li l-attriċi aċċettat il-konklużjonijiet milħuqa minnu.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis.

Is-salarju medju ta' €9,112 x *multiplier* ta' 15 x 6% diżabilità permanenti sofferta mill-attriċi, iwasslu għal ċifra ta' €8,200.80 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi sitt elef, ħames mija u sittin Euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€6,560.64)**.** Dan huwa l-*lucrum cessans* li ser jiġi likwidat mill-Qorti, liema danni l-Qorti qiegħda tordna li għandhom jitħallsu mill-imsejħa fil-kawża lill-attriċi.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-eċċezzjoni tal-*club* konvenut li huwa mhuwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, u għalhekk tastjeni milli tippronunzja ruħha dwar il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-*club* konvenut;**

2. **Tiddikjara illi d-danni sofferti mill-attriċi fuq il-persuna tagħha fit-12 ta' Ottubru, 2015, fil-Union Club li jinsab f'1, Tigne Street, Sliema, ġew ikkaġunati unikament minħabba negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti da parti tal-imsejħa fil-kawża Veronica (sive Vira) Gatt Butto;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi fl-ammont ta' sitt elef, ħames mija u sittin Euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€6,560.64), u tikkundanna lill-imsejħa fil-kawża tħallas lill-attriċi d-danni kif likwidati.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-imsejħa fil-kawża Veronica (sive Vira) Gatt Butto.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**